MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2012

Talba Numru. 94/2012

**GO p.l.c. [C-22334]**

**vs**

**John Stephen LASHMAR [ID. Nru. 52104A]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta attrici fis-7 ta’ Frar, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand il-konvenut, tas-somma ta’ elfejn u wiehed u hamsin euro u tlett centezmi ta’ euro [€2,051.03] u dan wara li ppremettiet hekk:

“Illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta attrici s-somma ta’ elfejn u wiehed u hamsin euro u tlett centezmi (€2,051.03) skont prospett hawn anness u markat Dok A, liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon u tat-televizjoni, numru tal-kont A/C 40098952, moghtija mis-socjeta attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni”.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar l-20 ta’ Gunju, 2012, nhar id-9 ta’ Lulju, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta mizmuma quddiemu nhar id-9 ta’ Lulju, 2012 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ elfejn u wiehed u hamsin euro u tlett centezmi ta’ euro [€2,051.03], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------